**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 399/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**-Vs-**

**JAN ERDOGAN**
**(0145200L)**
**NICOLAI INCORVAJA**
**(0303600L)**
**KENAN ERDOGAN**
**(0258401L)**

**Illum, 12 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **JAN ERDOGAN** ta' 19-il sena, iben Faith Davut u Mariella nee' Ebejer, mwieled il-Pieta' Malta nhar il-21 ta' April 2000, residenti gewwa 130, Flat 3,

Triq Nazju Ellul, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 0145200L, **NIKOLAI INCORVAJA** ta' 18-il sena, iben Philip u Victoria nee' Choka, mwieled Pieta' Malta nhar il-15 ta' Awissu 2000, residenti gewwa 157, L-Ghabex, Triq il-Gizimin, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0303600L u **KENAN ERDOGAN** ta' 17 -il sena, iben Faith Davut u Mariella nee' Ebejer, mwieled il-Pieta', Malta nhar id-29 ta' Gunju 2001, residenti gewwa 130, Flat 3, Triq Nazju Ellul, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 0258401L, tressqu quddiemha akkuzati talli nhar it-12 ta' Jannar 2019 ghall-habta ta' bejn is-siegha u nofs ta' filghodu (01:30hrs) u s-saghtejn u kwart ta' filghodu (02:15hrs) gewwa Triq San Gorg, San Giljan u l-inhawi tal-madwar:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajjat ta' Jake Camilleri f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jwe fis-sahha tieghu, liema griehi huma ta' natura gravi skond kif iccertifikat minn Dr. Chris Muscat (MD 1493)

2. Hadtu parti attiva fi glieda accidentali li fiha Jake Camilleri sofra offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu

3. Hebbew kontra Jake Camilleri sabiex jingurjawh, iddejquh jew jaghmlulhu l-hsara;

4. Fi triq jew f'post pubbliku iehor, imbuttaw lil Jake Camilleri sabiex iweggawh jew jinsulentawh;

5. Volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Semgħet lill-imputati waqt l-eżami jwieġbu li mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba, u semgħethom ukoll iwieġbu mhux ħati waqt l-eżami li sar fis-seduta tad-9 ta' Novembru 202 wara li ġiet mizjuda imputazzjoni ġdida dwar ir-reat taħt l-Artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-13 ta' Jannar 2021 fejn ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 237(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(1)(l) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputati kollha waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu 2021 jiddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju 2022;

Rat illi l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li nqala' argoment ġewwa l-istabbiliment Footloose, bejn Jake Camilleri u l-imputat Nikolai Incorvaja li kien indaħal f'argoment bejn l-istess Jake Camilleri u ċertu Denise, u imbottah. L-imputat spiċċa ġie mkeċċi mill-istabbiliment mill-bouncers u ftit wara meta Jake Camilleri wkoll ħareġ mill-istabbiliment, reġa' nqala' argument ieħor bejnu u Denise.

**Jake Camilleri**, il-parti leża, xehed illi f'dan il-waqt ġiet persuna oħra minn ġol-istabbiliment Havana li pprova jindaħal fl-argument li kellu ma' Denise u meta huwa qallu biex ma jindaħalx, din il-persuna, li huwa identifika bħala l-imputat Jan Erdogan, tah daqqa ta' ponn fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu. Ikkonferma li dik kienet l-ewwel darba li huwa ra lil Jan Erdogan u ma kienx jafu qabel. Meta mar biex jaffronta lill-imsemmi Jan Erdogan, ra li kien ma' grupp ta' sitt persuni li bdew ġejjin fid-direzzjoni tiegħu u dawruh. Hu għaraf lil ħu Jan Erdogan fost dan il-grupp ta' persuni. Dak il-ħin huwa żgiċċa u mar jiġri fil-passaġġ li kien hemm taħt struttura bl-*iscaffolding*, tmiss mal-istabbiliment Footloose biex jaħrab minn dawn il-persuni li b'kollox kienu sebgħa jew tmienja. Hemmhekk daħlu warajh erba' persuni min-naħa waħda tal-i*scaffolding* u tlieta jew erba' oħra min-naħa l-oħra. Tefa' daharu mal-ħajt u beda jaqla' ħafna daqqiet bil-ponn fuq wiċċu minn kull naħa iżda ma rax min kien qed isawtu għaliex taħt l-i*scaffolding* kien id-dlam. Ikkonferma, iżda, li l-imputati Jan u Kenan Erdogan kienu taħt l-i*scaffolding,* filwaqt li Nikolai Incorvaja kien barra.

Hu xehed ukoll hekk: "*Ovvjament dak il-ħin peress li kien id-dlam, fil-panic ippruvajt nimbotta min kien quddiemi biex nipprova noħroġ dak il-ħin u* ***x'ħin ħriġt eżatt minn għol-iscaffolding naqla' żewġ daqqiet ta' ponn oħra eżatt kif noħroġ minn nies li ma nistax niftakar eżatt min kienu, naħseb li kienu barranin****, pero' x'ħin ħriġt eżatt niftakar li nara lil Nikolai Incorvaja quddiem il-Footloose u l-uċuħ ta' Jan u Kan Erdogan.*" (emfasi tal-Qorti)

Jake Camilleri xehed ukoll illi meta kienu taħt l-i*scaffolding*, Kenan Erdogan kien tah daqqa ta' ponn f'wiċċu iżda ma setax jidentifika fuq liema naħa ta' wiċċu qala' din id-

daqqa għaliex fi kliemu stess, "***kont qed naqla' d-daqqiet mhux minnu biss, minn nies l-oħra***". (emfasi tal-Qorti)

Qal ukoll, meta ġie mistoqsi jekk apparti Kenan Erdogan huwa għarafx lil xi ħaddieħor mill-persuni li kienu ħebbew għalih taħt l-i*scaffolding*: "*Ngħidlek il-verita' jiena n-nies li kienu hemmhekk kollha dak iż-żmien ma kontx nafhom, jiġifieri **lanqas lil Kenan u lil Jan Erdogan ma kontx nafhom***".

Dwar il-persuni barranin li sabhom ma' wiċċu meta ħareġ mill-i*scaffolding*, Jake Camilleri spjega li xi ħadd minnhom tah daqqa ta' ponn fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu iżda ippreċiża illi id-daqqa ta ponn li laqtitu f'imnieħru qalagħha meta kien taħt l-i*scaffolding* "*minn **dawk in-nies kollha li kienu qed ituni daqqiet ta' ponn***"[1]. Fisser ukoll li b'dan is-swat huwa ġarrab ukoll ġrieħi fuq ħaddejh u fuq moħħu.

**James Mifsud** fix-xhieda tiegħu, qal li ma għaraf lil ħadd mill-persuni li huwa ra jagħtu xebgħa lil Jake Camilleri u ma jafhomx u qatt ma rahom qabel, għalkemm kien hemm wieħed minnhon li huwa barrani u kien liebes *t-shirt* iswed u oranġjo li kien qed jhedded lil Jake waqt li kienu qed idewwuh. Ikkonferma li ħin minnhom kien hemm tliet persuni jaggredixxu lil Jake f'daqqa.

**Francesca Marra** da parti tagħha, xehdet li hija rat grupp kbir ta' persuni, ċirka għaxar persuni, qed jimbottaw lil Jake Camilleri iżda ma għarfet lil ħadd minnhom. L-istess qal Mark Zammit, li wkoll kien preżenti meta dan il-grupp ta' persuni dawru lil Jake Camilleri u bdew ituh bil-ponn iżda ma għaraf lil ħadd.

**Denise Camilleri** xehdet li l-unika persuna li hija tiftakar li kienet involuta fil-ġlieda u li kien qed iħebb għal Jake Camilleri, kienet liebsa flokk tal-kulur oranġjo. Għall-bqija ma tagħraf lil ħadd minnhom u ma tafx min kienu l-aggressuri tiegħu.

[1] Emfasi mizjuda.

**L-imputat Kenan Erdogan** fil-verżjoni li huwa rrilaxxa lill-Pulizija fit-12 ta' Jannar 2019 meta kien assistit mill-avukat tiegħu, stqarr li huwa ra lil ħuh Jan Erdogan iżomm lil Jake Camilleri biex ma jibqax jimbotta lit-tfajla li kien qiegħed magħha. Dak il-ħin huwa ra lil Jake Camilleri jimbotta lil ħuh u hu qabeż għalih billi imbotta lil Jake lura u ġew fl-idejn, f'liema waqt indaħal ħuh, Jan, u l-argoment donnu spiċċa hemm. Kompla jistqarr illi x'ħin ġew biex jitilqu, l-istess Jake Camilleri reġa' qabad lil ħuh mill-ġakketta tant li qattagħhielu u beda jagħti lil Jan bil-ponn fuq rasu. Meta mar jiddefendi lil ħuh daħlu ħafna persuni fil-ġlieda li ma jafx min kienu.

Meta xehed quddiem il-Qorti, Kenan Erdogan ikkonferma l-istess verżjoni inkluż il-parti fejn, meta kienu barra l-istabbiliment Footloose, Jake Camilleri qabad lil ħuh mill-ġakketta bis-saħħa u beda jtih bil-ponn fuq rasu u hu ġibed lil ħuh biex jinqalgħu minn ma' Jake Camilleri fejn ġew fl-idejn[2], f'liema waqt feġġ grupp ta' persuni li ma jafx min huma, li marru fuq Jake Camilleri direttament u rahom jidħlu taħt l-i*scaffolding*. Ċaħad li f'xi ħin huwa ta daqqa ta' ponn lil Jake Camilleri u saħaq li huwa kien indaħal biss biex jifred lil Jake minn ma' ħuh u dan qabel Jake daħal taħt l-i*scaffolding*. Ċaħad ukoll li huwa daħal taħt l-i*scaffolding* u kkonferma li kienu ċirka sitt persuni b'kollox li telqu wara Jake taħt l-i*scaffolding*.

**L-imputat Jan Erdogan**, waqt li kien qed jiġi mitkellem mill-Pulizija fit-13 ta' Jannar 2019, assistit mill-avukat tiegħu, qal li huwa kien ma' sieħbu l-imputat Nikolai Incorvaja ġewwa Footloose u sieħbu indaħal bejn Jake Camilleri u t-tfajla tiegħu li kienu qed jargomentaw, u bdew jimbottaw lil xulxin bil-konsegwenza li Nikolai ġie mkeċċi mill-istabbiliment mis-security. Qal li in segwitu meta kienu kollha barra l-istabbiliment Nikolai reġa' indaħal bejniethom biex jgħin lit-tfajla għaliex Jake Camilleri kien reġa' imbottaha u hu indaħal ukoll. F'dan il-punt Jake dar għal fuqu u ħuh, Kenan Erdogan, li kien preżenti, qabeż għalih. Jan Erdogan stqarr ukoll li Jake u Kenan bdew jimbottaw lil xulxin iżda meta kien jidher li kollox kien ikkalma u kienu sejrin jitilqu, Jake reġa' dar għalih u qabdu mill-ġakketta b'tant saħħa li qattagħlu l-

[2] *"… dak il-ħin qabad lili , u hemmhekk naħseb li qaljt il-grif u forsi xi daqqa"* – vide fol. 192.

ġakketta kif ukoll il-flokk, niżżillu rasu u beda jagħtih bil-ponn fuq rasi u s'hemmhekk jaf x'ġara.

Quddiem il-Qorti, l-istess imputat Jan Erdogan xehed dwar dak li kien ġara ġewwa l-istabbiliment Footloose fejn sieħbu Nikolai tkeċċa mill-bouncers għaliex kien indaħal biex jipprova jifred lil Jake Camilleri minn mat-tfajla tiegħu u xehed ukoll li meta ħareġ mill-istabbiliment, ra lil Nikolai jaqbad lil Jake biex jifirdu minn mat-tfajla għaliex kien reġa' qed ikun aggressiv magħha u Jake beda jimbotta lil Nikolai. L-imputat xehed illi dak il-ħin, meta kienu barra l-istabbiliment, huwa daħal biex jifridhom u Jake qabad miegħu iżda rnexxilu jinqala'. Kif ġie biex jitlaq minn fuq il-post flimkien ma' ħuh, Kenan, Jake qabdu mill-hood tal-ġakketta u beda jagħtih fuq rasu, wiċċu jħares lejn l-art. Ħuh ġibdu u rnexxilu jaqilgħu minn ma' Jake u dak il-ħin kien stordut iżda ra ħafna nies ħdejn l-i*scaffolding* u deħlin taħt l-i*scaffolding* fejn sema' l-għajjat u wara ftit tal-ħin ra lil Jake Camilleri ħiereġ minn taħt din l-istruttura. Huwa telaq jimxi lejn l-karozza ta' missieru li kien ġie jiġbor lilu u lil ħuh iżda ħuh mar jagħmel rapport lill-Pulizija.

**L-imputat Nikolai Incorvaja** ma xehedx quddiem il-Qorti iżda kien irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fit-13 ta' Jannar 2019 fejn in sostanza, qal li huwa kien qed jitkellem ma' ħabiba tiegħu ċertu Denise meta l-ex sieħeb tagħha Jake Camilleri, avviċinaha b'mod irrabjat u mbottaha. X'ħin ra hekk, huwa daħal bejniethom fejn Jake imbottah u minħabba f'hekk ġew is-security tal-istabbiliment u keċċewh. Stqarr ukoll li x'ħin kien barra, Jake ħareġ u beda jħares lejh bl-ikrah u huwa avviċinah, f'liema waqt ġiet Denise u bdiet tgħajjat ma' Jake u hu reġa' imbottaha. F'dan l-istadju daħa bejniethom Kenan u spiċċaw imbottaw lil xulxin iżda wara li donnu spiċċa kollox huwa ra lil Jake Camilleri jagħti ma' Jan fuq rasu fejn fi ħlieda daħlu ħafna nies imma ma jafx min huma. Nikolai Incorvaja insista li huwa ma ġġieled ma' ħadd u kull ma għamel ipprova jżomm il-paċi.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni tipprova mhux biss l-elementi kollha tar-reati addebitati lill-imputati, iżda wkoll rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull wieħed minn dawn ir-reati, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputati jew min minnhom, u ħadd iktar, li seta' wettaq dak ir-reat. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata fi stħarriġ sħiħ u għaqli tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha diretti u ċirkostanzjali li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Għas-sejbien ta' ħtija kriminali, is-sistema ġuridiku tagħha jeħtieġ li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova ċioe' ċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza*

*mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[3]

Ikkunsidrat;

Wara li semgħet ix-xhieda u rat il-provi, il-Qorti tqis illi dan l-inċident jista' faċilment jinqasam f'żewġ episodji distinti: l-ewwel wieħed li fih kienu involuti Jake Camilleri u l-imputati Kenan Erdogan u Jan Erdogan barra l-istabbiliment Footloose, u t-tieni wieħed li fiha kienu involuti l-istess Jake Camilleri u grupp ta' persuni li ħebbew għalih u aggredewh taħt l-i*scaffolding*.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

In kwantu għall-ewwel akkuża dwar ir-reati li qed jiġu addebitati lill-imputati kollha taħt l-Artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tosserva minnufih illi l-provi kollha juru b'mod univoku illi Jake Camilleri ġarrab grieħi f'wiċċu u kellu d-demm ma' wiċċu b'riżultat tad-daqqiet li qala' waqt il-kollutazzjoni li seħħet meta daru għalih il-grupp ta' persuni li aggredewh taħt din l-imsemmija struttura, u mhux qabel. Dan jikkonfermawh ix-xiehda kollha li raw lil Jake Camilleri hekk kif irnexxielu jinqala' minn mal-ġlieda u mar flimkien ma' ħabib tiegħu jirrapporta l-inċident lill-Pulizija. Kenan Erdogan xehed illi qabel Jake Camilleri daħal taħt l-i*scaffolding*,

[3] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

huwa ma kellu xejn u "*kien normali*"[4]. Fil-fatt, **l-ebda xhud li ressqet il-Prosekuzzjoni – inkluż Jake Camilleri nnifsu u Denise Camilleri li kienet preżenti mill-bidu sal-aħħar tal-episodju - ma qal illi qabel daru għalih il-grupp ta' persuni u daħal taħt l-i*scaffolding*, Jake Camilleri kellu xi demm jew feriti f'wiċċu**. Il-Qorti għalhekk teskludi li f'dan il-każ għandha quddiemha biżżejjed provi biex issib ħtija speċifika fl-imputati għal xi offiżi li seta' ġarrab Jake Camilleri f'xi kollutazzjoni li seħħet **qabel** daħlu fix-xena l-persuni li ċċirkondawh u aggredewh taħt l-i*scaffolding* li hemm viċin l-istabbiliment Footloose, la offiżi ta' natura ħafifa u wisq anqas offiżi ta' natura gravi.

Għandu jiġi osservat ukoll li Jake Camilleri fix-xhieda tiegħu imkien ma indika li l-imputat Nikolai Incorvaja kien involut f'xi parti mill-ġlieda li seħħet barra l-istabbiliment Footloose u jirriżulta ċar li l-kuntatt li kellu miegħu kien biss ġewwa l-istabbiliment Footloose meta allegatament l-imsemmi imputat imbottah iżda f'dan l-episodju ma jirriżultax li Jake Camilleri sofra xi ġrieħi.

In kwantu speċifikatament għad-daqqa ta' ponn li qala' fuq imnieħru, mix-xhieda ta' Jake Camilleri il-Qorti fehmet illi **din id-daqqa qalagħha mhux meta ħareġ mill-stabbiliment Footloose u kellu xi jgħid mal-imputati, iżda wara, meta ġie aggredit minn grupp ta' persuni taħt l-i*scaffolding* iżda bl-ebda mod ma identifika lil xi wieħed mill-imputati bħala l-aggressur li kkaġunalu din l-offiża partikolari**. Ikkonferma wkoll illi meta l-imputat Jan Erdogan tah daqqa ta' ponn fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu, dan seħħ qabel effettivament daru għalih il-grupp ta' persuni li mbagħad segwewh taħt l-i*scaffolding*[5]. Kemm hu hekk, Jake Camilleri ikkonferma illi d-daqqa ta' ponn fuq imnieħru qalagħha "*minn dawk in-nies kollha li kienu qed ituni daqqiet ta' ponn*" u fisser ukoll li b'dan is-swat kollu huwa ġarrab ukoll ġrieħi fuq ħaddejh u fuq moħħu.

---

[4] Xhieda fol. 190.

[5] Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fil-verżjoni li rrilaxxa lill-Pulizija fit-12 ta' Jannar 2019, Jake Camilleri indika li l-persuna li avviċinah meta kien qed jargomenta mat-tfajla tiegħu barra l-istabbiliment Footloose, kien Kenan Erdogan u mhux Jan Erdogan.

Barra minn hekk, għalkemm Jake Camilleri xehed ukoll li l-imputat Kenan Erdogan kien fost il-persuni taħt l-i*scaffolding* u li kien tah daqqa ta' ponn f'wiċċu (ma jiftakarx liema naħa) huwa ma identifikahx bħala l-persuna li tatu daqqa f'imnieħru għaliex dak il-ħin kien qed jiġi aggredit minn iktar minn persuna waħda.

Minn dan kollu jirriżulta li l-offiża konsistenti fil-ksur tal-imnieħer, Jake Camilleri ġarrabha meta kien qed jaqla' daqqiet f'wiċċu minn seba' jew tmien persuni mhux identifikati taħt l-i*scaffolding* u m'hemm ebda prova konklussiva li tikkonvinċi lill-Qorti li kien wieħed mill-imputati odjerni li effettivament tah din id-daqqa ta' ponn li kissritlu mnieħru jew tah xi daqqa oħra li minn dawk li kkaġunaw l-offiżi l-oħra li l-istess parti offiża ġarrab meta kien qed jaqla' dan is-swat.

Għalhekk, il-Qorti ma tqisx illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha, bil-provi li ressqet, tilħaq il-grad ta' sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u konsegwentement ma tistax issib ħtija fl-ebda wieħed mill-imputati għar-reati addebitati fl-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

L-imputati ġew mixlija wkoll bir-reat taħt l-Artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali: għas-sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat irid jiġi ppruvat bħala wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tal-istess reat, il-parteċipazzjoni attiva tal-imputati fi ġlieda aċċidentali.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, mill-provi jidher li seħħet ġlieda bejn Jake Camilleri u diversi persuni oħrajn li daru għalih u segwewh taħt l-istruttura ta' *scaffolding* li kien hemm bieb ma' bieb mal-istabbiliment Footloose, fejn hemmhekk jirriżulta li Jake Camilleri qala' diversi daqqiet u sofra xi ġrieħi. Il-provi huma konkordanti wkoll fis-sens illi din il-ġlieda **ma seħħitx kontemporanjament, iżda segwiet** il-kollutazzjoni preċedenti li seħħet bejn l-imputati Kenan Erdogan u Jan Erdogan, u Jake Camilleri. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti illi jekk mill-provi kellu jirriżulta li seħħet xi ġlieda aċċidentali għall-finijiet tal-Artikolu 237 tal-Kap. 9, din

seħħet biss **<u>mill-mument li feġġew fuq ix-xena l-grupp ta' persuni li ċċirkondaw lil Jake Camilleri u daru għalih taħt l-i*scaffolding*, u mhux qabel</u>.** Fir-rigward, Jake Camilleri xehed illi meta qala' l-ewwel daqqa ta' ponn fuq wiċċu meta kien barra l-istabbiliment Footloose minn persuna li mhux ċar jekk kienx Jan Erdogan jew Kenan Erdogan[6], ma kien hemm ħadd iktar involut[7] u fisser li l-persuni l-oħra feġġew meta huwa beda miexi lejn din il-persuna biex jaffrontaha.

Il-Qorti trid tgħaddi issa biex tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ressqitx provi bizzejjed fil-grad li trid il-liġi għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li juru illi seħħet ġlieda aċċidentali fit-termini tal-Artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll li xi wieħed jew iktar mill-imputati ħadu sehem attiv f'din il-ġlieda li fiha jirriżulta li Jake Camilleri ġarrab diversi offiżi f'wiċċu.

Kwantu għar-reat taħt l-Artikolu 237, dan l-Artikolu jipotetizza r-reat ta' omiċidju jew offiża fuq il-persuna waqt glieda aċċidentali, fil-każ ta' persuna li jkun ħa sehem attiv fi ġlieda aċċidentali iżda ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew tal-offiża. Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **The Executive Police vs. Bernard Pintaric**, l-elementi kostituttivi tar-reat taht l-Artikolu 237 huma essenzjalment (i) l-eżistenza ta' ġlieda aċċidentali, (ii) persuna li tipparteċipa attivament f'din il-glieda, (iii) nuqqas ta' għarfien dwar min attwalment huwa responsabbli ghall-offiżi gravi li jiġu kkaġunati, sew jekk l-offiżi jkunu jwasslu għall-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 kif ukoll jekk ma jwasslux għal dawn il-konsegwenzi, u (iv) il-*mens rea* li jikkommetti r-reat.

Minnufih jirriżulta li t-tielet element tar-reat huwa sodisfatt, għaliex Jake Camilleri kien inekwivoku illi huwa ma jafx min ikkaġunalu l-offiża ta' natura gravi li ġarrab b'daqqa ta' ponn f'imnieħru u lanqas l-offiżi l-oħra li xehed dwarhom Dr. John Bondin, it-tabib li eżaminah fit-12 ta' Jannar 2019[8].

---

[6] Dak li ġie rapportat minn Jake Camilleri lill-Pulizija fir-rigward tal-persuna li tatu din id-daqqa ta' ponn, ma jaqbilx ma' dak li xehed quddiem il-Qorti.
[7] "*Ehe dak il-ħin kien waħdu*" – xhieda ta' Jake Camiller, fol. 67.
[8] Dok. KC1, fol. 45 u xhieda tal-11 ta' Frar 2020.

Kwantu għall-ewwel element, jiġi osservat illi l-Artikolu 237 tal-Kodici Kriminali ma jagħti ebda definizzjoni tal-ġlieda accidentali illi evidentement huwa wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat. Il-verżjoni Ingliża tal-Kodici tuża l-kelma '*accidental affray*'. In propositu l-Antolisei jgħid hekk:-

*"Per l'esistenza della rissa, non basta basta un semplice alterco fra piu' persone: occorre che vi siano una mischia violenta con vie di fatto. Per quanto nomalmente essa si concreti in una collutazione, il corpo a corpo non e' indispensabile, potendosi la zuffa svolgere a distanza, mediante lancio di sassi, colpi di rivoltella, ecc. Non si essige un effettivo turbamento dell'ordine pubblico. Si discute sul numero minimo di persone indispensabili per l'esistenza di questo delitto, il quale senza alcun dubbio appartiene alla larga categoria dei reati plurisoggettivi. Alcuni autori ritengono che siano sufficienti due persone e in questo senso si e' pronunciata varie volte la Cassazione. A nostro avviso, pero', e' preferibile l'opinione di quegli scrittori che considerano la partecipazione di almeno tre persone."*[9]

Fil-każ odjern, jirriżulta ampjament mill-provi u huwa del resto inkontestat, illi Jake Camilleri, in segwitu għall-kuntatt li kellu mal-imputati, ġie aggredit minn grupp ta' iktar minn tliet persuni: ix-xhieda kollha li xehdu huma konkordi fis-sens illi kienu seba' jew tmienja l-persuni li daru għal Jake Camilleri u segwewh taħt l-i*scaffolding* li kien jinsab bieb ma' bieb mal-istabbiliment Footloose ġewwa Paceville.

Dwar l-element ta' aċċidentalita' tal-ġlieda, il-Qorti m'hijiex konvinta mill-argoment tad-difiza fit-trattazzjoni finali li l-ġlieda kienet waħda premeditata u illi konsegwentement, huwa nieqes wieħed mill-element materjali tar-reat: dan qed jingħad għaliex il-provi bl-ebda mod ma jeskludu illi l-ġlieda inqalgħet dak il-waqt stess bħala rejazzjoni għall-imġieba aggressiva ta' Jake Camilleri li jidher li kien qed jagħti bil-ponn fuq ras l-imputat Jan Erdogan. Għall-kuntrarju, il-Qorti hi tal-fehma li huwa probabbli li fiċ-ċirkostanzi, dan seta' tassew kien il-katalist li spinġa r-rissa.

[9] Antolise F. Manuale di Diritto Speciale Parte Speciale – 1 pagina 107.

F'kull każ m'hemm lanqas ombra ta' prova li tikkonvinċi sal-grad tal-probabbli li din l-aggressjoni kienet premeditata mill-persuni li aggredixxu lil Jake Camilleri: kemm hu hekk, hemm qbil li diversi minn dawn il-persuni kienu barranin u li Jake Camilleri lanqas jafhom.

Huwa stabbilit għalhekk illi dak li seħħ taħt l-iscaffolding meta Jake Camilleri ġie mdawwar minn grupp ta' persuni u aggredit, kienet ġlieda aċċidentali u huwa stabbilit ukoll li din seħħet **<u>in segwitu</u>** għall-kuntatt li kellu l-istess Jake Camilleri mat-tliet imputati individwalment barra l-istabbiliment Footloose u biss meta feġġew il-persuni l-oħra injoti.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti issa trid tgħaddi biex tiddetermina jekk huwiex ippruvat fil-grad meħtieġ fil-kamp kriminali, li l-imputati jew xi ħadd minnhom, **ħa parti attiva** fir-rissa li żvolġiet taħt l-i*scaffolding*.

Ikkunsidrat;

Tibda biex tosserva illi Jake Camilleri fix-xhieda tiegħu imkien ma indika li l-imputat Nikolai Incorvaja kien involut f'xi parti mill-ġlieda li seħħet **barra** l-istabbiliment Footloose u jirriżulta ċar li l-kuntatt li kellu miegħu kien biss **ġewwa** l-istabbiliment Footloose meta allegatament l-imsemmi imputat imbottah. Huwa eskluż li din il-kollutazzjoni tista' titqies bħala ġlieda aċċidentali fit-termini tal-Artikolu 237 tal-Kap. 9[10]. Imbagħad, Jake Camilleri xehed illi meta ħareġ minn taħt l-i*scaffolding*, huwa ra lill-imputat Nikolai Incorvaja barra l-Footloose u kkonferma wkoll li filwaqt li huwa ra lil Kenan u Jan Erdogan taħt l-i*scaffolding*, "*pero' Nikolai Incorvaja niftakar narah barra mill-iscaffolding*"[11].

[10] Dann apparti l-fatt li ma jirriżultax li Jake Camilleri sofra ebda offiża waqt dan l-episodju partikolari.
[11] Xhieda ta' Jake Camilleri, 17 ta' Ottubru 2019, fol. 68.

Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li m'hemm l-ebda prova kwalsiasi li l-imputat Nikolai Incorvaja kien imqar involut fir-rissa u għalhekk ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 237 tal-Kap. 9.

In kwantu għaż-żewġ imputati l-oħra, Kenan Erdogan u Jan Erdogan, Jake Camilleri xehed illi huma kienu taħt l-*scaffolding* flimkien mal-persuni l-oħra injoti li kienu qed isawtuh u xehed ukoll li Kenan Erdogan tah daqqa ta' ponn f'wiċċu meta kienu taħt l-i*scaffolding* u dan meta kien qed jiġi aggredit.

Hi l-fehma tal-Qorti li għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 237 tal-Kap. 9 f'dan il-każ, il-materja tal-identifikazzjoni tal-imputati Kenan Erdogan u Jan Erdogan bħala fost il-persuni li ħadu sehem attiv f'dik il-parti tal-inċident - li l-Qorti tirravviża fiha l-elementi tal-ġlieda aċċidentali għall-fini tal-imsemmi reat u li fiha weġġa' l-parti leża - tassumi importanza fondamentali.

Fid-deċiżjoni fil-kaz ċelebri ta' **Turnbull**[12], li ttrattat il-materja tal-identifikazzjoni tal-imputat, ġie ritenut illi meta l-każ kontra l-imputat jiddependi unikament jew sostanzjalment fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni tiegħu, jeħtieġ kawtela kbira u eżami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni u taċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret din l-identifikazzjoni, fosthom it-tip ta' viżwali li kellu x-xhud, id-distanza bejnu u l-imputat, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, iż-żmien li ghadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret lill-Pulizija. F'dik id-decizjoni, intqal proprju hekk:-

"*The visual identification of suspects or defendants by witnesses has long been recognised as problematic and potentially unreliable. It is easy for an honest witness to make a mistaken identification, even in some cases where the suspect is well known to him, and some evidence suggests that a confident identification is no more likely to be correct than a cautious or hesitant one.*

… … …

[12] (1977) QB 224, citata f'Archbold, 1997, p. 1255-1256.

*In some cases, a witness may have qualified his identification by admitting that he was 'not quite certain', or was only '90 per cent sure'. A defendant cannot properly be convicted on qualified identification evidence alone (George [2003] Crim LR 282; Brown [2011] EWCA Crim 80). But as with other kinds of weak identification evidence, a qualified identification may have a legitimate role to play alongside other, more reliable, evidence."*[13]

Il-Qorti ma tħossx li tista' tingħata wisq affidabbilita' lill-identifikazzjoni li għamel Jake Camilleri tal-imputati Kenan u Jan Erdogan bħala parti mill-grupp ta' persuni li kienu taħt l-i*scaffolding* fejn effettivament ġarrab l-offiżi f'wiċċu u f'imnieħru.

Ibda biex fil-verżjoni li rrilaxxa lill-Pulizija, **Jake Camilleri ma kien xejn ċert minn dan, tant illi stqarr li wieħed mis-seba' jew tmien persuni li kienu qegħdin isawtuh "*aktarx kienet ... Kenan Erdogan*", persuna li huwa xehed quddiem il-Qorti li ma kienx jaf x'jismu u qatt ma rah qabel**. Magħdud dan il-fatt li Jake Camilleri fix-xhieda tiegħu stqarr ukoll li huwa **ma kienx jaf min kien hemm taħt l-i*scaffolding* għaliex kien id-dlam u kien qed jiġi msawwat minn diversi persuni f'daqqa**. Hu xehed hekk:

"*... dak il-ħin kien dlam ġol-iscaffolding, tista' timmaġina jiena ma stajtx nara sew kemm kien hemm nies ma' kull naħa, pero' niftakar li kienu bejn seba' jew tmien min-nies żgur ... Ovvjament dak il-ħin peress li kienn hemm id-dlam, fil-panic ippruvajt nimbotta lil min kien hemm quddiemi biex nipprova noħroġ dak il-ħin...*"

Il-Qorti tqis illi jekk minħabba d-dlam il-parti offiża qajla seta' jara kemm kien hemm persuni taħt l-i*scaffolding*, wisq inqas seta' jidentifika b'xi qies ta' reqqa min effettivament kienu dawk il-persuni. B'żieda ma' dan hemm ukoll il-fatt li Jake Camilleri xehed iktar minn darba li **huwa ma kienx jafx lill-imputati u li qatt ma kien rahom qabel dan l-inċident u ma kienx jaf x'isimhom**.

[13] Ara Blackstone.

Infatti, PC 1505 Christian Bugeja xehed illi meta rrilaxxa l-verżjoni tiegħu fl-Għassa tal-Pulizija iktar tard dakinhar stess, **Jake Camilleri kkonferma li ma kienx jaf min huma l-persuni li ħebbew għalih iżda wieħed minnhom jismu Kenan Erdogan**. Dan il-fatt jassumi portata speċifika għaliex mix-xhieda ta' PS 407 Kenneth Scicluna[14] - li kien ħa r-rapport inizzjali ta' Jake Camilleri hekk kif irnexxielu jinqala' mill-ġlieda - jirriżulta li kienu **l-ħbieb ta' Jake Camilleri u mhux il-parti leża nnifsu**, li dak il-ħin indikawlu l-ismijiet tat-tliet imputati bħala l-persuni li kienu involuti fil-ġlieda. Madanakollu, għandu jiġi osservat li meta xehdu quddiem il-Qorti, **l-ebda wieħed mill-ħbieb ta' Jake Camilleri, inkluż Denise Camilleri li mill-provi jirriżulta li kienet preżenti mill-bidu sal-aħħar ta' dan l-inċident, ma identifikaw lill-imputati jew xi ħadd minnhom bħala persuni li kienu involuti f'din il-ġlieda taħt l-i*scaffolding* jew bħala persuni li aggredixxu lil Jake Camilleri. U lanqas setgħu, ġaladarba jirriżulta, anke *ex admissis*, li Jake Camilleri kien waħdu taħt l-i*scaffolding* mal-aggressuri tiegħu**.

Iżda fuq kollox, għandu jingħad, skont kif xehed PC1505 Christian Bugeja[15] u kif affermat mill-parti leża nnifsu, Jake Camilleri indika lil Kenan Erdogan meta mar fl-Għassa tal-Pulizija biex jagħti l-verżjoni tiegħu dwar l-inċident u biex jidentifika min kienu l-persuni li kienu sawtuh, **għaliex huwa ġie muri mill-istess uffiċjal tal-Pulizija, ritratt tal-istess Kenan Erdogan**[16]. Ritratt li ġie muri lil Jake Camilleri biss għaliex il-Pulizija kienu ġew infurmati minn terzi persuni mhux magħrufa li Kenan Erdogan kien wieħed mill-persuni involuti fil-ġlieda.

Fir-rigward, PC 1505 Christian Bugeja xehed li huwa bagħat għall-parti leża u wrieh **ritratt uniku ta' Kenan Erdogan għaliex il-Pulizija li kienu Paceville fil-ħin tal-inċident kienu infurmawh li l-aggressur kien ġie identifikat bħala Kenan Erdogan.** Dan ġie affermat minn Jake Camilleri li xehed li intwera ritratt wieħed iżda mhux ċert jekk huwiex ta' Kenan jew Jan Erdogan.

---

[14] Xhieda tal-10 ta' Ottubru 2019, fol. 27.

[15] Xhieda tas-26 ta' Novembru 2019.

[16] Għall-korrettezza għandu jingħad illi filwaqt li PC1505 xehed li huwa wrieh ritratt ta' Kenan Erdogan, Jake Camileri ma kienx ċert meta xehed jekk dan ir-ritratt kienx ta' Jan Erdogan jew ta' Kenan Erdogan.

**Iżda kif rajna, il-persuna li identifika lil Kenan Erdogan bħala wieħed mill-persuni li aggredixxa lil Jake Camilleri, qatt ma xehdet quddiem il-Qorti, anke sabiex jafferma f'liema mument ra lill-imputat Kenan Erdogan jiġġieled ma' Jake Camilleri – jekk kienx qabel feġġet il-grupp ta' persuni injoti jew wara.**

Dejjem in tema tal-identifikazzjoni tal-imputat, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[17], li ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs. Massimo Caruso**, deciza fis-17 ta' Marzu 2008 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, qalet hekk:-

*"Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Zammit*** *deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li:-*

*"Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:*

*"Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

*Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:-*

---

[17] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Mejju 2016.

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni.*

…

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli* [in materja ta' identification parades] *ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli."*

Fil-fehma tal-Qorti, il-parti leża ma tħalliex fil-liberta', waqt il-proċess ta' identifikazzjoni tal-persuni li kienu involuti fil-ġlieda għall-fini ta' Artikolu 237 tal-Kap. 9, biex jidentifika huwa stess spontanjament lill-aggressuri tiegħu minn fost sett jew sensiela ta' ritratti ta' persuni differenti. Huwa evidenti li l-parti leża ma kellu l-ebda ħjiel tal-identita' tal-aggressuri tiegħu tant illi, kif rajna, ma kienx hu iżda xi ħadd minn sħabu li pprovda l-ismijiet tal-imputati lill-Pulizija. Magħdud dan il-fatt illi meta rrilaxxa l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija iktar tard dakinhar stess, Jake Camilleri kien inċert jekk wieħed mis-seba' persuni li bdew isawtuh, kienx effettivament Kenan Erdogan ("*wieħed minnhom kien aktarx hu Kenan*") u dan meta l-istess parti leża stqarr ripetutament li huwa qatt ma ra lill-imputati qabel u ma kien jafhom bl-ebda

mod. Fil-fatt, PS 407 Kenneth Scicluna xehed illi immedjatament wara l-inċident, Jake Camilleri qallu illi "*qatt ma argumenta jew jaf min huma dawn il-persuni.*"

Il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-disapprovazzjoni tagħha dwar dan il-metodu mill-iktar infeliċi kif inħadmet il-proċedura ta' identifikazzjoni tal-allegat aggressur da parti tal-Pulizija u fl-assjem ta' dan kollu, il-Qorti ftit għandha dubju li kieku l-parti leża ma kienx ġie muri ritratt tal-imputat fl-Għassa tal-Pulizija bl-indikazzjoni speċifika li huwa Kenan Erdogan - il-persuna li sħabu rrapportaw li kien involut fil-ġlieda - l-identifikazzjoni tiegħu tal-imputat quddiem il-Qorti, ma kienetx issir f'termini daqshekk assoluti. Fir-rigward, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi meta waqt id-depożizzjoni tiegħu Jake Camilleri ġie biex jispjega r-rwoli rispettivi tal-imputati fil-ġlieda, huwa irrefera għalihom b'isimhom **qabel** identifikahom individwalment fl-awla: identifikazzjoni li jidher li saret minnu b'ferm iktar konvinzjoni u ċertezza minn dik li kien wera ftit tal-ħin biss wara l-inċident[18]. Kemm hu hekk, Jake Camilleri identifika lill-imputati Jan Erdogan u Kenan Erdogan ukoll bħala aħwa u anke rnexxielu minn fuq il-pedana jiddistingwixxi bejn iż-żewġ aħwa imputati minkejja li xehed huwa stess li huma identiċi u ma kienx jafhom qabel u minkejja wkoll li fl-istess nifs, huwa xehed li meta ġie attakkat taħt l-i*scaffolding*, kien id-dlam u ma setax jara min kien qed jaggredih.

Konformement, magħdud dan kollu, il-Qorti m'hijiex konvinta li l-identifikazzjoni tal-imputat Kenan Erdogan, u wisq inqas tal-imputat Jan Erdogan[19], bħala persuni preżenti u jew involuti fir-rissa, hija identifikazzjoni rejalistika u attendibbli biżżejjed biex tingħata xi valur probatorju serju u sejra tieħu dan il-fattur in konsiderazzjoni meta tiġi biex twieżen il-provi dwar il-ħtija tal-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 237 tal-Kap. 9.

---

[18] Fil-fehma tal-Qorti, din l-identifikazzjoni x'aktarx xprunat mir-ritratt uniku li ntwera lill-parti leża mill-Pulizija wara l-inċident u ġiet assodata minn informazzjoni addizzjonali li l-parti leża evidentement kiseb in segwitu għas-sinistru u fuq kollox, mill-fatt li hemm qbil bejn il-partijiet illi l-istess parti leża u ż-żewġ imputati kienu kkonfrontaw lil xulxin individwalment minnufih qabel l-aggressjoni li seħħet taħt l-i*scaffolding*.

[19] Jake Camilleri xehed li Jan Erdogan rah taħt l-iscaffolding waqt ir-rissa izda mkien ma qal li qala' xi swat jew ġie aggredit b'xi mod minnu.

Il-Qorti tosserva wkoll illi Jake Camilleri xehed illi waqt li kien qed jiġi aggredit taħt l-i*scaffolding*, huwa pprova jimbotta lil min kien quddiemu u kif ħareġ eżatt, jiftakar jara "*lil Nikolai Incorvaja quddiem il-Footloose u l-uċuħ ta' Jan u Kenan Erdogan*"[20]. Għall-Qorti, din l-istqarrija tkompli tpoġġi fid-dubju l-istqarrija preċedenti tal-parti leża li l-imputati Kenan u Jan Erdogan kienu taħt l-i*scaffolding* jekk, effettivament, huwa xehed li ra lill-istess imputati barra l-Footloose eżatt kif ħareġ minn taħt din l-istruttura.

Illi lil hinn mix-xhieda ta' Jake Camilleri, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud ieħor biex jafferma l-involviment tal-imputati jew xi ħadd minnhom, f'din ir-rissa. Effettivament, għajr għall-identifikazzjoni - li waħedha mhux wisq attendibbli – li għamel Jake Camilleri tal-imputati Erdogan bħala persuni li kienu involuti fir-rissa taħt l-i*scaffolding*, ħadd mix-xhieda kollha li xehdu quddiem il-Qorti, ma identifika lil xi wieħed minnhom bħala ko-rissanti.

Dan kollu jrid jitqiegħed ukoll fl-isfond tal-fatt illi kull wieħed mill-imputati ċaħad konsistentement li huwa kien parti mill-grupp ta' persuni li attakkaw u sawtu lil Jake Camilleri u kull wieħed mill-imputati kkonferma li ma jafx min kienu l-persuni li ġew biex jintervjenu u li sawtu lil Jake Camilleri. Il-Qorti kkunsidrat il-fatt illi filwaqt li l-imputati Erdogan stqarru li kienu fuq il-post u wieħed minnhom ammetta wkoll illi f'xi waqt ġie fl-idejn ma' Jake Camilleri qabel waslu fuq ix-xena l-persuni l-oħra injoti, huma ċaħdu b'mod konsistenti u kategoriku, anke fl-istqarrija li rrilaxxaw rispettivament lill-Pulizija l-għada tal-inċident, li kienu ħadu sehem fir-rissa li seħħet taħt l-i*scaffolding* fejn jirriżulta li Jake Camilleri kien qed jiġi aggredit u sofra ġrieħi f'wiċċu u f'imnieħru, u nnegaw speċifikatament li kienu daħlu taħt din l-istruttura. Fil-fatt, il-verżjoni ta' dawn iż-żewġ imputati hija wkoll in sostanza l-istess verżjoni li kienu rilaxxaw rispettivament fit-13 ta' Jannar 2019 meta ġew interrogati mill-Pulizija dwar l-involviment tagħhom f'dan l-inċident.

---

[20] Fol. 68.

Dan kollu magħdud, fil-fehma tal-Qorti, jinstawra fiha dubju raġjonevoli dwar it-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-imputati ħadu parti attiva fir-rissa li seħħet taħt l-i*scaffolding*: il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni kontra l-imputati b'rabta mal-involviment taħghom fir-rissa huma skarsi u fjakki u ma jwasslux fl-assjem tagħhom għall-konviċiment morali li huma kienu preżenti fil-lok fejn seħħet dik l-aggressjoni kollettiva, **wisq inqas li ħadu parti attiv fiha kif del resto huwa meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 237 tal-Kap 9**. Il-korollarju ta' dan hu li l-prova dwar wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat, hija mankanti.

Għaldaqstant, wara li ġie eskluż ukoll li Nikolai Incorvaja kien involut fir-rissa, il-Qorti ma tistax tasal biex issib ħtija fl-imputati Jan Erdogan u Kenan Erdogan għar-reat taħt l-Artikolu 237 tal-Kap. 9.

Dan ifisser li mhux meħtieġ li jiġi stabbilit jekk effettivament Jake Camilleri effettivament sofriex offiżi ta' natura gravi jew jekk dawn l-offiżi kienu biss offiżi ħfief.

**Ir-Reati Kontravvenzjonali**

Illi l-imputati huma mixlijin ukoll bir-reati kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(d), l-Artikolu 339(1)(e) u l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Kif sewwa ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni, l-azzjoni kriminali dwar dawn ir-reati kontravvenzjonali hija preskritta għaliex skont l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet. Għalkemm mill-atti ma jirriżultax meta l-imputati ġew notifikati bl-azzjoni kriminali, huwa fatt li din ittieħdet bil-preżentata taċ-ċitazzjoni fil-5 ta' Lulju 2019, kważi sitt xhur wara l-kommissjoni tar-reati li bihom l-imputati ġew mixlijin f'din l-azzjoni. Għalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li ż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni tal-azzjoni għar-reati kontravvenzjonali kollha, addebitati fit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, għalaq irrimedjabbilment qabel ittieħdet

l-azzjoni kriminali u konsegwentement, l-azzjoni fir-rigward ta' dawn ir-reat, waqgħet bil-preskrizzjoni.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssibx lil JAN ERDOGAN, NIKOLAI INCORVAJA u KENAN ERDOGAN ħatja ta' ebda waħda mil-imputazzjonijiet u qiegħda konsegwentement tilliberahom kollha minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**